

kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) — Ġurisdiżjoni tal-qorti adita għad-dehra tal-konvenut, fl-assenza ta' kontestazzjoni tal-ġurisdiżjoni u difiża fuq il-mertu — Applikabbiltà fil-każ ta' proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea — Fl-affermattiv, possibbiltà għall-konvenut li jikkontesta l-ġurisdiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru wara d-dehra, fl-istess kawża, quddiem qorti ta' dan l-Istat fejn oppona ordni ta' ħlas u qajjem argumenti fuq il-mertu

### Dispożittiv

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li oppożizzjoni għall-ordni ta' ħlas Ewropea li ma tinkludix kontestazzjoni tal-ġurisdiżjoni tal-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini ma tistax titqies bħala dehra, fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdiżjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, u li l-fatt li l-konvenut ippreżenta, fil-kuntest tal-oppożizzjoni mressqa minnu, motivi dwar il-mertu tal-kawża huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

(<sup>1</sup>) ĠU C 184, 23.6.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Ġunju 2013 — Xeda International SA, Pace International LLC vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-149/12 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Prodotti għall-ħarsien tal-pjanti — Diphenylamine — Noninklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE — Proċedura ta' evalwazzjoni tas-sustanzi attivi — Irtirar minn notifikatur tal-appoġġ għall-inklużjoni ta' sustanza attiva f'dan l-Anness — Regolamenti (KE) Nru 1490/2002 u (KE) Nru 1095/2007)

(2013/C 225/49)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

### Partijiet

Appellanti: Xeda International SA, Pace International LLC (rappreżentanti: K. Van Maldegem, C. Mereu u N. Knight, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. von Rintelen u P. Ondrůšek, aġenti, assistati minn J. Stuyck, avukat)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tad-19 ta' Jannar 2012 fil-Kawża T-71/10, Xeda International SA u Pace International LLC vs Il-Kummissjoni Ewropea li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet rikors intiż għall-annullament

tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/859/KE, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar in-noninklużjoni ta' diphenylamine fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza [notifikata taħt in-Nru C(2009) 9262] (ĠU L 314, p. 79)

### Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Xeda International SA u Pace International LLC huma kkundannati għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 165, 9.6.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Ġunju 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny — Il-Polonja) — Minister Finansów vs RR Donnelley Global Turnkey Solutions Poland Sp. z o.o.**

(Kawża C-155/12) (<sup>1</sup>)

(VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 44 u 47 — Post fejn it-tranżazzjonijiet taxxabli huma meqjusa li ġew ipprovduti — Post ta' tassazzjoni — Kunċett ta' "il-post tal-forniment tas-servizzi relatati mal-proprjetà immobbli" — Servizz transkonfinali kumpless ta' ħażna ta' merkanziji)

(2013/C 225/50)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Minister Finansów

Konvenuta: RR Donnelley Global Turnkey Solutions Poland Sp. z o.o.

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Naczelny Sad Administracyjny — Interpretazzjoni tal-Artikoli 44 u 47 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), kif emendata — Determinazzjoni tal-post ta' tassazzjoni — Kunċett ta' provvista ta' servizzi marbuta ma' beni immobbli — Servizz transkonfinali kumpless ta' ħażna ta' merkanzija, provvista lil partijiet kontraenti li għandhom is-sede tagħhom fi Stati Membri oħra jew Stati terzi, u li jinkludu r-riċezzjoni ta' merkanzija fl-imħażen fil-Polonja, l-organizzazzjoni tagħhom, il-ħażna tagħhom, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, l-ippakkjar mill-ġdid u l-ispedizzjoni mill-ġdid tagħhom lill-klijent